MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 976/2013

PULIZIJA

**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**ELISABETH FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elisabeth Fenech, detentur tal-Karta tal-identita` numru 124161(M).

**Akkuzata talli:**

F’dawn il-Gzejjer, gewwa residenza 10, Belvedere, Triq it-Trill, san Pawl il-Bahar, fil-11 ta` Mejju, 2013, u fix-xhur ta` qabel, ikkommettiet serq ta` flus kontanti u deheb li jammontaw ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-deteriment ta` Christina Portelli, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 171187 (M); Anne Portelli, detentrici tal-Karta tal-identita` numru 371660 (M); Joseph Mary Portelli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 536861 (M); Mariana Portelli, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 385388 (M); Miguel Portelli, detentur

tal-Karta tal-Identita` numru 224592 (M) u Gozwe` Portelli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 125200L, u dan aggravate bil-valur u bil-persuna.

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-koperazzjoni tal-imputat;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotti;

Wara li rat l-Artikolu 267 u l-Artikolu 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li dina l-Qorti nnotat li l-istess imputata assikurat ruhha li d-debitu kollu gie saldat;

Fuq ammisjoni, dina l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannaha sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------